# INTRODUZZJONI GĦALL-KNISJA TA' KRISTU F'MALTA

Minn
George Ebejer

## MIN HIJA L-KNISJA TA' KRISTU?

Il-verità hija, li l-uniku mod li tkun taf lill-Knisja ta' Kristu, jew lill-membri tagħha huwa li tiltaqa' ma' dawn in-nies u titkellem magħhom direttament.

## X'INHUMA L-KONVINZJONIJIET BAŻIĊI TAGĦNA

Aħna, bħala l-knisja ta' Kristu għandna veduti li huma pekulari għalina u li jirċievu enfasi minna u li nħos-su li nies oħra ma jagħtuhomx din l-enfasi. Hawn huma xi wħud mill-konvinzjonijiet bażiċi tagħna. Jiena sejjer insemmi xi versi mill-Bibbja ma' kull punt. Dan jista' jkun ta' aktar għajnuna għalik ħalli tifhem sewwa l-konvinzjonijiet tagħna. Inħeġġek biex taqra l-Iskritturi kollha **mill-Bibbja tiegħek**.

1. Aħna nemmnu li hemm Alla wieħed u li Hu rrivela Lilu Nnifsu bħala l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu (Mattew 28:19; Efesin 4:4-6; Ġwanni 1:1-4; Atti 5:1-4; 2 Korintin 13:14; Rumani 15:30; Isaija 9:6; eċċ.).

2. Aħna nemmnu li Alla kien manifestat bħala Iben fil-persuna ta' Ġesù ta' Nażaret li hu msejjaħ Kristu (Ġwanni 1:1, 14; 20:28; Filippin 2:5-8).

3. Aħna nemmnu li hemm knisja **waħda** li hija l-ġisem ta' Kristu u mhux ħafna knejjes (Efesin 1: 22, 23; Efesin 4:4; Kolossin 1:18).

4. Aħna nemmnu li l-unika knisja li dwarha wieħed jista' jaqra fit-Testment il-Ġdid hija l-Knisja ta' Kristu (Mattew 16:18; Rumani 16:16; Galatin 1:

22; [“il-knejjes ta’ Kristu” huma l-kongregazzjonijiet imxerrda f’postijiet differenti u mhux denominazzjonijiet differenti]).

5. Aħna nemmu li l-ħafna knejjes bl’ismijiet denominattivi tagħhom ma kinux jeżistu fl-ewwel seklu u huma kkundannati fl-Iskrittura Mqaddsa (1 Kor-intin 1:10-15; 3:1-7).

6. Aħna nemmnu li l-uniku isem li għandna nġibu huwa “Kristjan” (Atti 4:12; 11:26).

7. Aħna (bl-akbar rispett lejn dawn kollha msemmija) ma naċċettawx li nkunu msejħa: Kattoliċi Rumani, Protestanti, Church of England, Church of Scotland, Grieg Ortodox Church, Metodisti, Anglikani, Xhieda ta’ Jehovah, Pentekostali; Mor-moni, Christadelphians, Kariżmatiċi, Katakumeni, Neo-Katakumeni, Fokolari, Moonies; jew xi isem ieħor li nisimgħu dwaru fil-ħafna denominazzjoni-jiet li jeżistu llum ħlief il-Knisja ta’ Kristu (Atti 4:12; Kolossin 3:17). Immaġina int, jekk tista’: Pietru, Kattoliku Ruman; Ġuda, Protestant; Ġwan-ni, Church of England; Ġakbu, Metodist; Mattew, Xhieda ta’ Jehovah; Indri, Grieg Ortodoss; Filip-pu, Mormon; Tumas, Kariżmatiku; Bartilmew, Katakumenali; Mark, Neo-Katakumenali; Mattia, Pentekostali; Indri, Anglikan; Sila, Christadelph-ian; Barsabbas, Monnie; Rufus, Fokolari; eċċ. Dan aħna ma naċċettawhx! (1 Korintin 1:10-15; 3:1-7; Ġwanni 17:20-22). Aħna Kristjani fil-

Knisja ta' Kristu u xejn aktar. It-talba tagħna hija: Ejjew inkunu **biss** kif kienu l-ewwel Kristjani u xejn aktar.

8. Aħna nemmnu li l-uniku mod kif il-bnedmin jistgħu jkunu ħaġa waħda huwa li jagħmlu dak li talab il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li jimxu fuq il-verità, il-Kelma ta' Alla u jwarrbu dak kollu li hu tal-bniedem. (Ġwanni 17:11, 17, 20-23. Aqra l-kapitlu kollu; Mattew 7:21-27; Atti 4:19; 5:29).
9. Aħna nemmnu li l-uniku Ras jew Kap ta' din il-knisja huwa Sidna Ġesù Kristu (Kolossin 1:18; Efesin 1:10, 22, 23; Atti 4:12; 1 Korintin 3:11).
10. Aħna nemmnu fil-mewt, difna, u qawmien bil-ġisem ta' Ġesù Kristu, it-tlugħ Tiegħu fis-smewwiet u r-ritorn Tiegħu bil-ġisem xi darba fil-futur u li dwar dan ħadd ma jaf meta se jkun (1 Korinitn 15:1-4; 1 Timotju 3:16; 2 Timotju 4:1; Mattew 24: 36, 42-44; Mark 13:33-37; 2 Pietru 3:10 ).
11. Aħna nemmnu li l-Bibbja (kemm it-Testment il-Qadim kif ukoll il-Ġdid) hija l-Kelma ta' Alla u li ta' min jafda fiha għal kollox u li hija suffiċjenti għall-bnedmin kollha (2 Pietru 1:20-21; 2 Timotju 3:16-17; 1 Korintin 2:13; 1 Tessalonikin 2:13).
12. Aħna nemmnu li bħala Kristjani aħna qegħdin taħt il-liġi tat-Testment il-Ġdid u t-Testment il-Qadim qiegħed hemm *biss* sabiex aħna nitgħallmu minnu u mhux bħala liġi għalina llum

(Galatin 3:15-29; Lhud 1:1, 2; 7:22; 8:6-13; 9:15; [ara 35]).

13. Aħna nemmnu li l-bnedmin għandhom il-ħajja ma' Alla permezz tal-persuna ta' Ġesù li l-ħajja Tiegħu, il-mewt u l-qawmien mill-ġdid Tiegħu, huma l-mezzi u l-garanzija ta' dik ir-relazzjoni tajba ma' Alla li tiġi għandna bħala rigal grazzjuż (Rumani 3:23-25; 4:25; 6:23; Efesin 2:6, 8-10).

14. Aħna nemmnu li l-Bibbja (it-Testment il-Ġdid), bħala l-Kelma ta' Alla, hija l-unika liġi tagħna llum li permezz tagħha nistgħu nsiru wlied ta' Alla u nkunu salvi (Rumani 1:16; Ġwanni 17:17; Efesin 1:13; 1 Tessalonikin 2:13; Galatin 1:6-9; Apokalissi 22:18, 19; eċċ.).

15. Aħna nemmnu lit-tweġiba għall-mistoqsija hekk importanti ta' "X'għandi nagħmel biex insalva?" għandha tkun mogħtija dirretament mill-Bibbja (Atti 2:37-38; Atti 9:6, 18; Atti 22:10-16; Atti 16:30-33).

16. Aħna nemmnu li għalkemm fil-Bibbja nsibu aktar minn magħmudija waħda msemmijin, illum aħna għandna noqgħodu għall-"magħmudija waħda," dik ta' l-ilma (Efesin 4:5; Atti 8:36-39).

17. Aħna nemmnu dak li ordna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu dwar **min** għandu jitgħammed, jiġifieri, nies li jilħqu l-età li jkunu kapaċi jiddeċiedu għali-hom infushom u mhux trabi (Mattew 28:19; Mark 16:15-16; Atti 5:14; 8:12; 9:2).

18. Aħna nemmnu lit-trabi huma salvi u m'għandhomx il-ħtieġa li jitgħammdu (Mattew 19:13-15; Mark 10:13-16; Luqa 18:15-17).

19. Aħna nemmnu li dawk kollha li jistgħu jidinbu, dinbu għax "il-bnedmin kollha dinbu" (Rumani 5:12) (It-trabi ma jistgħux jidinbu għalhekk mhumiex inklużi).

20. Aħna nemmnu li tarbija ma jista' jkollha ebda dnub "għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi" u tarbija ma tista' tikser ebda liġi (1 Ġwanni 3:4).

21. Aħna nemmnu li l-magħmudija hija *prerekwiżit* għas-salvazzjoni (Mark 16:16; Atti 2:38; Atti 22:16).

22. Aħna nemmnu u nipprattikaw it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid li dawk li xtaqu li jkollhom il-ħajja ma' Alla fi Kristu kienu msejħa ħalli b'fiduċja u b'indiema jkunu mgħaddsa bil-magħmudija fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubiethom (Atti 2:38; 22:16; Galatin 3:26-27; Kolossin 2:12).

23. Aħna nemmnu li l-Kristjani huma msejħa permezz tat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid biex jieħdu se-hem fl-Ikla tal-Mulej (Tqarbin) kull Ħadd, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa u billi jieħdu mit-tnejn, kemm mill-ħobż u kemm mill-frott tad-dielja (qa-bbel 1 Korintin 11:17-26 u 16:2; Mattew 22:26-29; Mark 14:22-26; Luqa 22:14-20).

24. Aħna nemmnu li dawk li liberament huma mogħtija r-rigal tal-ħajja ma' Alla huma msejħa ħalli jgħixu ħajja ta' integrità personali u li jkunu barka għad-dinja li fiha huma jgħixu (Efesin 4:17-6:9; Mattew 22:34-40; Luqa 10:25-37).

25. Aħna nemmnu li wara l-mewt ebda talb mid-dinja ma jista' jkun ta' valur għalina għaliex aħna nkunu ġġudikati fuq dak li nagħmlu *waqt li aħna ħajjin hawn fil-ġisem* (2 Korintin 5:10; Mattew 16:27; Ġwanni 5:28, 29; Rumani 2:5-7, 16; Rumani 14:12; Galatin 6:7, 8; Apokalissi 14:12-13; 20:11-14; Luqa 16:19-31).

26. Aħna nemmnu li hemm biss "Medjatur wieħed bejn Alla u l-bniedem" Ġesù Kristu (2 Timotju 2:5; Lhud 7:22).

27. Aħna nemmu li "ma hemm ebda isem ieħor taħt is-sema mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4:12).

28. Aħna nemmnu lit-talb tagħna għandu jsir lil Alla biss permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' ħadd aktar (Kolossin 3:17).

29. Aħna nemmnu li bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, titli reliġjużi bħal "Reverendu," "il-Wisq Reverendu," "l-eċċellenza tiegħu," "Holy Father," "Father" u oħrajn bħal dawn għandna nwarrbu-hom għaliex huma titli li jistħoqqu lil Alla *Waħdu* fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa u li Kristu ordna biex aħna ma

nużawhomx (Mattew 32:9; Salm 111:9; Ġwanni 17:11; Apokalissi 15:4).

30. Aħna nemmnu, li bħala bnedmin m'għandniex nitbaxxew, jew ninżlu għarkopptejna quddiem xi bniedem ieħor, ukoll quddiem anġlu, għaliex dan huwa kkundannat minn Alla (Atti 10:25; Apokalissi 19:10; 22:8, 9).
31. Aħna nemmnu li m'għandna nagħmlu ebda xbieħa reliġjuża (Atti 17:16-31; 2 Korintin 5:7; Apokalis-si 9:20; 22:15).
32. Aħna nemmnu li Alla ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin" (Atti 17:25).
33. Aħna nemmnu li l-ġisem tagħna huwa "t-tempju ta' Alla" (1 Korintin 3:16, 17; 2 Korintin 6:16), huwa "t-tempju ta' l-Ispirtu s-Santu" (1 Korintin 6:19); li Kristu jgħammar fina (2 Korintin 13:5).
34. Aħna nemmnu li l-Kristjani kollha huma *qassisin* jew *saċerdoti* (1 Pietru 2:5, 9; Apokalissi 1:6).
35. Aħna nemmnu li Ġesù Kristu "ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha" (Efesin 2:14, 15) u għalhekk issa aħna ninsabu taħt il-liġi tat-Testment il-Ġdid.
36. Aħna nemmnu li Ġesù Kristu għandu jerġa' jiġi biex jiġġudika lid-dinja u jagħti lil kull wieħed dak li ħaqqu (2 Korinitin 5:10; Atti 17:30-31; Mattew 11:22, 24).
37. Aħna nemmnu li l-unika tama tagħna hija fissema u mhux fuq l-art (Mattew 5:12; Mattew 6:

19-21; Luqa 6:23; Filippin 3:20; Kolossin 3:1, 2; 1 Tessalonikin 4:17; 1 Pietru 1:1-5).

38. Aħna nemmnu li "ħadd ma tela' s-sema" ħlief Ġesù Kristu (Ġwanni 3:13).

39. Aħna nemmnu li "d-demm u l-laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla" (1 Korintin 15:50).

40. Aħna nemmnu li l-bnedmin *kollha* "jitbiddlu" ma' l-aħħar tromba (1 Korintin 15:51).

41. Aħna nemmnu li wara l-qawmien il-bnedmin koll-ha jkunu "bħal l-anġli ta' Alla *fis-sema*" u mhux fuq l-art (Mattew 22:30).

42. Aħna nemmnu li għandna nfittxu fil-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla ħalli nkunu nafu jekk it-tagħlim li naċċettaw hux minn Alla jew le (Atti 17:11; Kolossin 2:8, 18-23; Efesin 5:6-11).

Jalla tasal biex tagħraf il-verità li tista' teħilsek mill-jasar tat-tagħlim falz tal-bnedmin (Ġwanni 8:31-32).

Is-servizz ta' qima tal-Ħadd jibda: fl-10.30 ta' fil-għodu. Ikollna wkoll studji tal-Bibbja matul il-ġimgħa skond il-ħtiġijiet ta' l-individwu. Inti dejjem mistieden li tattendi wkoll bħala osservatur. Jekk inti tkun tix-tieq li tieħu kors tal-Bibbja bla ebda ħlas bil-korris-pondenza, iktbilna f'dan l-indirizz:

Knisja ta' Kristu,
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10.
www.churchofchrist.com